QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 30 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru:- 932/99DM

Charles Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta London Services Limited

vs

Marco Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-Ligi jhallas lis-socjeta attrici London Services Limited is-somma ta' mitejn u seba' u sebghin Liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm277.92), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti bhala rizultat ta' l- incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Mejju 1996 ghall habta tal-5.00pm gewwa Ghajn Dwieli Road, Paola bejn il- vettura bin-numru ta' registrazzjoni X-4448(M) misjuqa mill-assikurat tal-attur Ray Degabriele u l-vettura misjuqa mill-konvenut

bin-numru ta' registrazzjoni W-2297, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju 1998 u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittri ufficjali u cioe mill-21 ta' Mejju 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Marco Bonnici fejn eccepixxa illi:-

1 Id-domanda attrici hija llum preskritta stante li ghaddew iktar minn sentejn minn meta gara l-incident sakemm gie notifikat b'xi mod ufficjalment l-eccipjenti;

2 Bla pregudizju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-incident 'de quo' kien unikament responsabbli Ray Degabriele ghal din il-habta minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' Degabriele biss.

3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' riferenzi tal-attur noe pprezentata fis-6 ta' April 2001

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq l- eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ma ccita ebda Artikolu tal-Ligi insostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnhu sollevata huwa indika bhala perjodu preskrittiv iz-zmien ta' sentejn u allura r-riferenza evidentement hija ghal preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-Artikoli  2149 u 2153 tal-Kap 16.

Minn dawn l-Artikoli  huwa 2153 li jitkellem dwar l-azzjoni ghal hlas tal-hsarat mhux ikkagonnati b'reat u ghalhekk il-Qorti qieghda tikkonkludi illi l-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Billi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-incident sehh fit-30 ta' Mejju 1996, l-azzjoni attrici kellha tkun preskritta fit-30 ta' Mejju 1998 sakemm ma ssirx prova illi f'dan iz-zmien ta' sentejn il-preskrizzjoni giet interrotta b'wiehed mill-mezzi ikkunsidrat sufficjenti mill-istess Kodici Civili.

F'dan irrigward l-atturi illimitaw ruhhom biex jressqu bhala prova ta' interruzzjoni ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju 1998 illi huma jallegaw illi giet notifikata legalment lill-konvenut fit-18 ta' Mejju 1998.

Ghalkemm l-atturi ma prezentawx kopja legali tal-istess ittra ufficjali u tar-riferta posittiva taghha, jirrizulta li minn kopja ta' ittra esebita afol 46 (tal-process ) illi l-avvukat difensur tal-konvenut kien ikkonferma li saret tali notifika u sahansitra ikkontesta  wkoll ir-responsabbilta tal-klient tieghu il-konvenut.  Ghalkemm l-ittra esebita hija kopja tal-original ma saret ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut jew tad-difensur tieghu li dina l-ittra hija kopja fidili ta' l-original li ghal hekk hija prova konklussiva tan-notifika tal-konvenut bl-ittra ufficjali tal-atturi

Ghaldaqstant bil-perjodu tal-preskrizzjoni interrott fit-18 ta' Mejju 1998 il-perjodu preskrittiv rega beda jiddekorri minn dik id-data u l-azzjoni attrici kienet tista' terga tigi preskritta fit-18 ta' Mejju 2000. Izda jirrizulta illi l-attur ipprezentaw ic-citazzjoni ossia l-avviz relattiv fit-18 Gunju 1999 u ghalhekk entro iz-zmien ta' sentejn (2) biex b'hekk interrompew il-perjodu korrenti tal-preskrizzjoni. Izda ghalkemm l-avviz gie ipprezentat fit-18 ta' Gunju 1999 kien biss fis-7 ta' Frar 2001 illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-istess avviz.

Ghaldaqstant il-konvenut issostni illi l-perjodu tal-preskrizzjoni ta' sentejn li beda jiddekorri mit-18 ta' Mejju 1998 kien lahaq skada f'Mejju tas-sena 2000.

Ghalhekk il-konvenut qieghed jippretendi illi l-avviz li huwa l-att li bih effettivament l-attur jkun ezercita l-azzjoni, ghandu jitqies bhala kwalunkwe att gudizzjarju li hu ikkontemplat mill-ligi u ghalhekk ghandu jservi biex jinterrompi l-preskrizzjoni sakemm huwa jkun lahaq gie notifikat fiz-zmien xahar minn meta gie ipprezentat biex jkun jista jinghad illi l-preskrizzjoni giet interrotta mid-data tal-prezentata tieghu

Izda din it-tezi tal-konvenut m'hix korretta. Fejn l-atti gudizzjarji l-ohra sufficjenti biex jinterrompu l-preskrizzjoni ma jimplikawx l-ezercizzju tal-azzjoni, l-avviz huwa l-att gudizzjarju li bih l-attur jkun effettivament ezercita l-azzjoni tieghu u minn dik inhar tal-prezentata tieghu ma tqumx izjed il-kwistjoni ta' interruzzjoni omeno tal-perjodu tal-preskrizzjoni billi huwa jkun ghamel fi zmien utili dak illi l-istitut tal-preskrizzjoni effettivament jkun obbliggah jghamel.

Ghalhekk il-perjodu ta' xahar applikabli ghall-atti gudizzjarji ohra li ma humiex effettivament l- istituzzjoni tal-azzjoni civili ma japplikax ghall avviz jew atti ohra illi huma effettivament l-istituzzjoni tal-azzjoni mistennija mill-kreditur.

F'dan is-sens il-Qrati Civili esprimew ruhhom kostantement u l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal kawza deciza fil-5 t'Ottubru 1999 mill-Qorti civili fl-ismijiet "R von Brockdorf Insurance Agency Limited noe vs John Ellul" (citazzjoni Nru 438/97) u ghas-sentenzi l-ohra hemm cittati ma' liema konkluzzjonijiet din il-Qorti taqbel perfettament.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjez risevati a gudizzju finali.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ21